

Editorjal Fr Carl Mario Sultana

# Qrib ta' Ġesù biex inkun nista' nxandru

"Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem, ta' min iħabbar ir-risq, ta' min ixandar is-salvazzjoni" (Is 52:7). Din l-istqarrija tal-profeta Isaija ddaħħalna fil-qalba tal-ministeru tagħna bħala katekisti. Il-missjoni tagħna hija li nxandru din l-Aħbar it-Tajba ta' kif Alla, permezz ta' Ġesù, daħal fil-ħajja tagħna u bidilha minn ġewwa; għamilha ħafna isbaħ milli kienet qabel, u dawwal dak id-dlam li aħna bħala bnedmin għażilna li nibqgħu fih. Imma biex inwasslu lil Ġesù, l-ewwel irridu nkunu ltqajna miegħu aħna, u nfittxu li l-ewwel inkunu aħna qrib tiegħu.

Din kienet waħda mis-sejħiet li għamel il-Papa Franġisku lill-katekisti fil-laqgħa li kellu magħhom f'Settembru li għadda. Il-Papa kemm-il darba qal li ma jistax ikun li aħna, bħala katekisti msejħin biex inwasslu lil Ġesù, inkunu fl-istess waqt ma nafuhx, jew inkella m'aħniex qrib tiegħu. Jekk ma nkunux tassew qrib ta' Ġesù u ma jkollniex lil Ġesù fina nistgħu naqgħu fit-tentazzjoni li nwasslu lilna nfusna u mhux lil Ġesù. B'hekk lin-nies li niltaqgħu magħhom fil-katekeżi, minflok nifthulhom bieb li jwassal sal-ħajja ta' dejjem, inkunu qegħdin indaħħluhom fi sqaq.

Dan huwa wkoll punt fundamentali fil-metodoloġija kateketika li aħna msejħin biex nużaw ma' dawk kollha li niltaqgħu magħhom fil-ministeru tagħna. Aħna m'aħniex imsejħin biex inwasslu biss duttrina, jew inkella sempliċi tagħlim li jifforma parti mill-ktieb jew mill-kurrikulu li rridu ngħaddu bħala parti mill-formazzjoni. Min iwassal duttrina biss ikun qiegħed iwassal xi ħaġa mejta li ma tista' qatt tidher relevanti għall-persuni li niltaqgħu magħhom. Huwa minħabba f'hekk li mbagħad dan it-tagħlim ma jitpoġġiex fil-prattika mill-persuni kkonċernati: għaliex ma jidhirx bħala xi ħaġa relevanti għall-ħajja.

Aħna msejħin biex fil-proċess ta' katekeżi nwasslu Persuna: Ġesù Kristu. Dan huwa li jagħmel lill-katekeżi avventura sabiħa: il-fatt li m'aħniex inwasslu xi ħaġa mejta imma xi ħaġa ħajja, u li tagħti l-ħajja. Huwa dan li jagħmel lill-katekeżi proċess li l-frott tiegħu jista' jitpoġġa fil-prattika mill-persuni li niltaqgħu magħhom. Aħna ma noffrulhomx biss sensiela ta' formoli tal-fidi, jew sempliċi tagħlim tal-fidi, imma stil ta' ħajja mnebbaħ mit-tagħlim u mill-istess ħajja ta' Ġesù.

Id-diffikultà tqum meta aħna ma nkunux tassew qrib ta' Ġesù. Aħna nħossu s-sħana tan-nar meta nkunu qrib in-nar; filwaqt li meta nersqu 'l bogħod ma nħossux l-effett tiegħu, jew inkella s-sħana tintilef fil-bogħod. L-istess jiġrilna jekk ma nkunux nafu sewwa lil Ġesù, u ma nħallux l-istil ta' ħajja ta' Ġesù jimla l-ħajja tagħna. Huwa Ġesù li huwa s-saħħa tagħna, u li jimla lil ħajjitna b'dik l-enerġija li ma tħalliniex inżommu għalina waħidna dak li skoprejna fil-ħajja, u li hu l-Aħbar it-Tajba.